**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 29 ta' Mejju 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR JONATHAN CASSAR)**
**(SPETTUR NICO ZARB)**

**VS**

**SADIK HAMAD MAHAMAD**

(K.I. NRU. 70011A)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Sadik Hamad Mahamad** iben Hamad u Nadifa mwieled ġewwa s-Sudan nhar l-1 ta' Jannar 1975 mingħajr residenza fissa u detentur tal-karta tal-identitá Maltija bin-numru 70011A u akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioè talli:-

1. Nhar it-3 ta' Frar 2025 għall-ħabta ta' bejn nofsinhar (12 :00Hrs) u s-siegħa u nofs (13 :30Hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Spar Express Balluta' sitwat

fi Triq Ċensu Tabone, San Ġiljan ikkommetta serq sempliċi ta' flixkun whiskey fejn il-valur tal- ħaġa misruqa huwa aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u li ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-detriment tal-istabbiliment 'SPAR Express Balluta' u/jew entitajiet jew persuni oħra.

2. Nhar it-30 ta' Marzu 2025 għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14 :00Hrs) u l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16 :00Hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Spar Express Balluta' sitwat fi Triq Ċensu Tabone, San Ġiljan ikkommetta serq sempliċi ta' flixkun whiskey fejn il- valur tal- ħaġa misruqa ma jeċċedix it- tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' 'SPAR Express Balluta' u/jew entitajiet jew persuni oħra.

3. Nhar il-25 ta' Mejju 2025 għall-ħabta ta' is-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14 :30Hrs) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15 :00Hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Spar Express Balluta' sitwat fi Triq Ċensu Tabone, San Ġiljan ikkommetta serq sempliċi ta' flixkun whiskey fejn il- valur tal- ħaġa misruqa ma jeċċedix it- tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' 'SPAR Express Balluta' u/jew entitajiet jew persuni oħra.

U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi:

4. Għex ħajja ta' għażż u vagabondaġġ

5. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat daħal tlett darbiet ġewwa l-istabbiliment Spar Express Balluta fejn kull darba seraq flixkun wieħed tal-whiskey. Il-ħaddiema ta' dan l-istabbiliment indunaw b'din l-attivita u rrapportaw mal-pulizija. L-akkużat ġie misjub u arresta mill-uffiċjali tal-Pulizija. Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-valur komplessiv ta' dan il-whisky huwa ta' €267.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tiegħu, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, jirriżulta li l-akkużat preżentement m'għandux residenza fissa u lanqas impjieg fiss. Illi dawn ir-reati seħħew f'inqas minn xahar minn meta l-akkużat ġie rilaxxat mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u għalhekk huwa ovvju li l-akkużat ma jridx jirraddrizza l-ħajja tiegħu u jieqaf milli jwettaq aktar reati kriminali. Illi f'dan iċ-ċirkostanzi il-Qorti ma tarax li l-akkużat jista' jibbenefika minn sentenza

retributtiva.Filfatt, huwa akkużat ukoll b'reċidiva għal reati ta' serq kommessi preċedentement.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 261, 284, 285, 289, 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Sadik Hamad Mahamad <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal **<u>erba' (4) xhur</u>** priġunerija effettivi.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta, il-Qorti qed tordna lill-akkużat sabiex jirrifondi lura lis-soċjetà li tiġġestixxi "SPAR Express Balluta" is-somma ta' €267.

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**